Minuti tat-13 il-laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Gimgha 11 ta' Gunju, 2010.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |
| Skuzati: | |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |

Il-laqgha nbdiet hin 4.30pm bil-kworum format mis-Sindku, Vici-Sindku u Carmen Vella. Lisa Marie Brooke kienet skuzata peress li ma setghetx tattendi minhabba ragunijiet ta' xoghol.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tat-12 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-12 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. **Progett ta' Wied il-Mielah – ERDF 022.**

**2.1** Saret diskussjoni u inghata rendikont dwar l-istatus tal-progett ta' Wied il-Mielah, fejn saret ukoll talba ghal estensjoni tal-progett sa l-ahhar ta' Awissu, 2010 minhabba li zewg bridges ma jistghux isiru qabel ma jitlesta ix-xoghol tar-rising main min naha tal-WSC.

2.2 Progett ta' rijabilitazzjoni tal-Pjazza - Il-Kunsill iddiskuta dwar il-funtana li hija ippjanata li ssir fil-pjazza bhala parti mill-progett ta' rijabilitazzjoni tal-Pjazza. Huwa ippjanat illi din tkun mal-livell tat-triq.

2.3 Raymond Cassar staqsa dwar is-shelters fejn is-Sindku spjega illi m'hemmx htiega li jintalab permess sabiex dawn jinfethu.

2.4 Il-Kunsill qabel illi x-xogholijiet fil-pjazza ghandhom jinbdew wara l-festa.

**3. Offerti.**

**3.1 Offerta 01/10 – Post ta' rikreazzjoni fi Triq Tumas Cassar.**
Il-Kunsill qabel li l-offerta tal-kostruzzjoni tal-arja ta' rikreazzjoni fi Triq Tumas Cassar ghandha tigi awarded lil Bugeja Bros Ltd. li ser ikun inkarigat jaghmel xoghol ghall-valur ta' €11115.31. Dwar il-pavimentar ghall-belveder il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex ghall-provissta ta' materjal tal-paving. Is-Sindku ppropona illi ssir gazebo tal-gebel fuq il-belveder.

3.2 Manuel Muscat wasal fil-5.30pm u talab li jkun skuzat peress li ma setax jasal qabel minhabba impenji tax-xoghol. Is-Sindku spjegalu fil-qosor dak li sar sa issa u kompliet id-diskussjoni fuq l-arja ta' rikreazzjoni fejn gie deciz li x-xoghol relatat jista' jinbeda. Dwar il-gazebo il-Kunsill qabel li ghandha tintalab stima lil Toni Spiteri li ghandu jkun inkarigat jaghmel il-gazebo jekk tiswa' taht €1164.68.

3.3 Is-Sindku spjega illi l-applikazzjoni ghall-fondi UIF ghall-progett tal-pjazza giet sottomessa u ghadha qed tigi evalwata mill-bord tal-UIF.

**3.4 Offerta Nru 06/10 – Kiri ta' karozzi self-drive ghall-Kunsill Lokali Gharb.**

**3.5** Giet sottomessa offerta wahda minghand Joseph Azzopardi bil-prezz ta' €27.73 ghall-kirja ta' gurnata jew 12 il-siegha u €11.00 f'kaz illi l-karozza tinkera ghal perjodu ta' sena. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel illi jitlob skont fuq il-prezz ikkwotat ghall-kiri bil-gurnata ghal €20.00 inkluz il-VAT.

**3.6 Offerta Nru 07/10 – Kiri/provvista ta' kompjuters**

**3.7** Gew sottomessi zewg offerti wahda minghand Franklyn Cauchi u Jesmar Sciberras. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi l-ispecifikazzjonijiet tal-prodotti offruti taht iz-zewg tenders lill-MITA ghall-parir professjonali taghhom.

**3.8 Kwotazzjonijiet progett Wied il-Mielah li ghalqu fit-28 ta' Mejju, 2010.**

**3.9 Kwotazzjoni ERDF022-26 - ghad-dizinn u manifattura ta' struttura tal-istainless steel biex taghti access minn tarag ezistenti tal-konkrit ghall-bahar**

**3.10** Il-Kunsill ra it-tlett kwotazzjonijiet sottomessi minghand David Debono, F.Cordina & Sons u Reuben's IW. Il-budget ghal din il-kwotazzjoni kien ta' €5042.37 eskluz il-VAT. Il-kwotazzjoni ta' David Debono kienet skond il-budget filwaqt li z-zewg kwotazzjonijiet l-ohra kienu jissuperaw il-budget. Il-Kunsill approva id-dizinn ta' l-istruttura sottomess minn David Debono u ghalhekk gie deciz li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata lil David Debono.

**3.11 Kwotazzjoni ERDF022-27 – ghall-garr ta' l-istruttura sal-livell tal-bahar**

**3.12** Il-Kunsill ra iz-zewg kwotazzjonijiet sottomessi minghand Reuben's IW u David Debono. Il-budget ghal din il-kwotazzjoni kien ta' €3169.49 eskluz il-VAT. Il-kwotazzjoni ta' David Debono kienet skond il-budget ghal €3169 eskluz il-VAT filwaqt li dik ta' Reuben's IW kienet tissupera il-budget. Il-Kunsill qabel ghalhekk illi din il-kwotazzjoni ghandha tigi awarded lil David Debono.

**3.13 Kwotazzjoni ERDF022-28 - ghall-installazzjoni tal-istruttura 'il fuq u taht il-livell tal-bahar**

**3.14** Il-Kunsill ra it-tlett kwotazzjonijiet sottomessi minghand David Debono, F.Cordina & Sons u Reuben's IW. Il-budget ghal din il-kwotazzjoni kien ta' €2805.08 eskluz il-VAT. Il-kwotazzjoni ta' David Debono kienet skond il-budget filwaqt li z-zewg kwotazzjonijiet l-ohra kienu jissuperaw il-budget. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata lil David Debono.

**3.15 Offerti Progett Wied il-Mielah li ghalqu fil-11 ta' Gunju, 2010**

**3.16** Inghata rendikont tal-offerti bir-referenza ERDF022-29 reconstruction and resurfacing of valley road with concrete u ERDF022-30 excavation and cleaning of the valley basin. Gie spjegat illi l-Board tal-ghazla kien kompost mill-Perit Carmelo Borg, Acct. Malcolm Meylaq u Nutar Anthony Hili bhala evalwaturi filwaqt li s-Sindku bhala Chairman u s-Segretarju Ezekuttiv bhala Segretarja tal-Bord. Dwar l-offerta ERDF022-29 fejn gew sottomessi zewg offerti minghand Road Construction Co Ltd u Gatt Tarmac Ltd. gie spjegat illi z-zewg offerti kienu jaqbzu l-budget u ghalhekk il-bord qed jirrakkomanda illi din l-offerta terga' tinhareg mill-gdid. Il-Kunsill laqa ir-rakkomandazzjoni tal-bord. Il-konsulent tekniku tal-progett ghandu jigi inkarigat jipprepara l-ispecifikazzjonijiet ghall-offerta l-gdida.

Dwar l-offerta ERDF022-30 gie spjegat illi gew sottomessi zewg offerti minghand Gatt Tarmac Ltd u Road Construction co. Ltd. L-offerta ta' Road Construction Co. Ltd. kienet teccedi il-budget ta' din it-tender li kien ta' €35878.63 eskluz il-VAT. Gie spjegat illi l-bord qed jirrakkomanda lill-Kunsill li jawardja din l-offerta lill-Gatt Tarmac Ltd. ghall-prezz ta' €32371.11. Il-Kunsill laqa ir-rakkomandazzjoni tal-bord.

## 4. Approvazzjoni ta' hlasijiet.

4.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-inizjattiva li qed jiehu dwar korsijiet tal-licenzja tad-dghajsa. Gie spjegat illi wara li nzammu b'success l-ewwel 3 korsijiet diga hemm numru sabih miktubin ghar-4 kors filwaqt li d-data tal-ezami ta' l-ewwel korsijiet ghadha qed tigi stabbilita.

4.3 Gie diskuss il-ftehim li l-Kunsill iffirma ma Green MT flimkien ma ghadd ta' Kunsill Ghawdxin fir-rigward ta' 'Inizjattiva Ambjentali Sostenibbli lejn Komunitajiet aktar Nodfa. Il-Kunsill qabel li ghandu jara x'kampanja edukattiva huma lesti li joffru l-Green MT permezz ta' dan il-ftehim u jistudja l-possibilita' li jkunu involuti l-istudenti u l-NGOs.

4.4 Gie diskuss is-servizz ta' open-skip offrut ta' kull nhar ta' Sibt minn hdejn il-ground fejn fl-ahhar nofs siegha is-servizz qed jinghata minn Pjazza San Pietru. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt li ser tkun imposta tipping fee fuq dan is-servizz izda gie deciz li s-servizz ghandu jibqa' jinghata u tithallas it-tipping fee relatata.

4.5 Il-Kunsill iddiskuta illi Triq San Pietru, Triq Trux u Triq Birbuba huma zoni problematici f'dak li jirrigwarda indafa. Il-Kunsill qed jatribwixxi din il-problema principarjament lejn dawk li jiehdu hsieb il-farmhouses li johorgu l-iskart f'hinijiet hziena u qabel li hemm bzonn tittiehed azzjoni f'dan ir-rigward.

4.6 Manuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar il-haxix li qed jikber fil-ground. Is-Sindku ippropona illi ghandha ssir trakka tal-jogging fuq in-naha ta' barra tal-ground bit-tarmak ahmar. B'hekk il-ground innifsu jickien u jkun aktar facli li jsir bit-turf naturali. Is-Sindku spjega illi b'dan il-mod il-ground ikun jista' anke jattira training camps minn Malta. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta li ssir trakka u gie deciz li ghandha tintalab stima lill-Perit.

5. **Korrispondenza**

5.1 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand Transport Malta:-
Talba ghal Bus Stop gdida fi Triq Frangisk Portelli fejn din it-talba giet rifjutata.
Talba ghal *Alighting Boarding Bay* fi Triq il-Vizitazzjoni li giet approvata.

5.2 Mill-Ufficju tas-Segretarju Parlamentari ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita' fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex iwahhal poster fir-rigward tal-hidma li qed issir mall-persuni morda b'mard mentali.

5.3 Mill-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin fir-rigward ta' lista ta' persuni li jgawdu minn immunita' u privileggi diplomatici skond l-Att 1 ta' l-1966.

5.4 Mid-Direttorat ghall-Promozzjoni tas-Sahha u Prevenzjoni tal-Mard fir-rigward ta' kampanja kontra l-obezita'.

5.5 Mid-Dipartiment ghall-anzjani u kura fil-komunita' dwar konferenza dwar abbuz fuq l-anzjani.

5.6 Minghand Dr. Kevin Mompalao ghan-nom ta' Silvio Felice fejn qed jitlob li l-kuntratt li kien iffirmat bejn is-Sur Felice u l-Kunsill Lokali Gharb dwar applikazzjoni ghall-fondi ewropej ghall-Gharb folklore museum jigi terminat. Il-Kunsill accetta din it-talba u ghandha tintbaghat konferma lil Dr Mompalao f'dan ir-rigward.

5.7 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar skema ghall-energija alternattiva 2009 fejn il-Kunsill gie infurmat li kull min ghadu ma lestiex il-progett li ghalih inghata fondi s-sena l-ohra ser jinghata cans sat-30 ta' Lulju 2010. Is-Sindku spjega illi l-Ing. Mario Galea wasal fil-fazi finali tar-rapport tekniku tieghu dwar l-offerti sottomessi f'dan ir-rigward u ghal laqgha li jmiss il-Kunsill ghandu jkollu ir-rapport f'idejh.

5.8 Mill-MEPA fir-rigward ta' applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA2221/10, PA2371/10 u PA1885/10.

5.9 Mis-Segretarjat ta' l-Onor Dr. Chris Said fir-rigward ta' European Local Authorities Competition on Good Practices on the Support for Migrant Elders' Initatives (ELAC).

5.10 Minghand Raphael Labro fir-rigward ta' Gozo 2010 International Contemporary Arts Festival li ser isir bejn is-7 ta' Lulju u 4 ta' Awissu, 2010 fic-Cittadella fejn il-Kunsill gie mitlub jisponsorja dan l-avveniment. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra li jghin kemm 'il darba tkun ser issir attivita' artistika/kulturali gewwa l-Gharb.

5.11 Mid-Dipartiment tal-Kultura fejn il-Kunsill gie mistieden jghaddi l-kummenti/suggerimenti tieghu dwar in-Notte Gozitana 2010. Il-Kunsill qabel li jissuggerixxi illi l-area allokata lill-Kunsilli Lokali ghandha tkun aktar centrali u organizzata filwaqt li l-attivita' ghandha tkun f'dimensjoni izghar izda mifruxa fuq 3 weekends.

5.12 Is-Sindku spjega illi l-kwistjoni tal-mushroom farm fl-area ta' Dbiegi ghadha ghaddejja u hemm applikazzjoni sabiex ikun hemm access minn gewwa l-crafts village. Jidher illi l-permess qed jinghata importanza u hemm possibilita' kbira illi dan jinghata. Il-Kunsill qabel illi f'din ic-cirkostanza il-hsieb principali tieghu ghandu jkun li jara kif jista' jelimina jew jimminimizza it-transport u l-irwejjah li huma l-iktar zewg fatturi li ser ikunu ta' inkonvenjent ghar-residenti. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir talba lill-MEPA sabiex il-fondi UIF ta' dan

il-progett ghandhom imorru ghall-Gharb u mhux ghal Kercem peress li l-impatt tal-progett ser ikun fuq il-lokalita' u r-residenti tal-Gharb. Il-Kunsill qabel li

5.13 ghandu jitlob illi l-progett ikun moniterjat minn konsulent indipendenti inkarigat mill-Kunsill ghas-spejjez tal-izviluppatur . Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma ruhu sew billi jiehu parir minghand espert indipendenti dwar l-impatt ta' dan il-progett u possibilment ukoll jaghmel zjara gewwa farm simili barra minn Malta. Finalment il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha mal-applikant sabiex il-Kunsill jisma il-proposti tieghu.

5.14 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tohrog offerta ghal-lift ghac-centru civiku fejn il-Kunsill ha fondi taht l-iskema ta' accessibilita'. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tinbena il-kamra tal-lift.

5.15 Is-Sindku ippropona illi ghandha ssir talba lill-ADT sabiex fi Triq l-Gharb mir-residenza 1 sal-'fgura' jitwahhlu arbli ghall-bnadar. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.16 Raymond Cassar ippropona illi l-arbli tal-pjazza ghandhom jinbidlu ghal-arbli ta' l-istainless steel. Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni.

5.17 Il-Kunsill qabel li ghandha tohrog l-offerta ghall-istudju/long term plan ta' sostenibilita' li jrid isir mill-fondi li l-Kunsill inghata mill-iskema lokalitajiet sostenibbli.

5.18 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lid-Direttur Progetti u Zvilupp/Direttur EU Affairs fil-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-bankina qrib ir-residenza 1 Triq ta' Pinu li mhix accessibbli ghal persuni bil-wheel chair.

5.19 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jigu ordnati grajjed ghall-bankina fi Triq Birbuba.

5.20 Is-Sindku ippropona illi ghandha ssir tabella tal-business/postijiet ta' interess bhal li hemm fil-one way Triq Trux/Triq Molina sabiex tehel fuq U shaped bar fi Triq Trux k/m Triq Molina fuq in-naha ta' barra tal-bankina. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.21 Il-Kunsill iddiskuta il-permessi tal-kiosks ghall-festa 2010 fejn gie deciz li bhas-snin precedenti ghandu jinzamm depozitu ta' €58.23 fuq it-tindif addizzjonali illi l-Kunsill ikollu. Il-Kunsill qabel li min ma jaccettaw li jhallas dan id-depozitu ghandu jkun stazzjonat fi Triq il-Madonna tal-Virtut.

5.22 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-audited financial statements ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru, 2009 li dawn kien fihom ommissjoni ta' accrued income ta' €16460 relatat mal-ko-finanzjament fuq il-progett ta' Wied il-Mielah li l-Kunsill inghata mill-Gvern Centrali. Gie spjegat illi qed isir ezercizzju bl-involviment tal-NAO u l-awditur tal-Kunsill sabiex l-audited financial statements ikunu riveduti sabiex jirriflettu is-sitwazzjoni attwali tal-Kunsill fejn il-Kunsill spicca s-sena b'bilanc favorevoli fil-working capital peress li l-audited financial statements kienu qed juru zbilanc ta' €700.

Il-laqgha spiccat hin 8.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv